MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru. 487/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**KONTRA**

**YUSSIF TOURE DONKOR ta' 25 sena, imwieled il-Ghana nhar l-14 ta' Mejju, 1985, residenti Residencia PDZO Campamento La Dehesa 0, Albacete, Spanja, detentur tal-passaport numru H 1538804;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **YUSSIF TOURE DONKOR** li gie akkuzat talli nhar it-18 ta' Mejju, 2010 u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. Ircieva passaport li gie trasferit lilu minn persuna ohra (Art 3(b) tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. U aktar talli ghamel uzu jew ittenta jaghmel uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra (Art 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. U aktar talli dwar xi nformazzjoni li ghandha tigi moghtija skond jew ghall-finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, ta jew gieghel li jinghata xi prospett falz (Art 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument mehtieg ghall-finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Art 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, ghal liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni;

Rat li fis-seduta ta' nhar il-11.06.2010 l-imputat iddikkjara li kien qed jammetti ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jahseb fuq l-istess.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **<u>YUSSIF TOURE DONKOR</u>** hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan skond l-Artikoli 3(b) u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll l-Artkoli 32(1)(c) u 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda ghaldaqstant tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------